# il-Ħuttafa

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

numru 87

lulju - awwissu 2008



ritratt ta' Desirée Falzon



# editorjal

Tiftakru fuq il-qoxra tal-aħħar ħarġa ta' *Il-Ħuttafa* ġibna ritratt ta' serp? Mela dan l-aħħar ratni waħda mara li rċiviet il-magażin, ġiet fuqi u qaltli:

"Int qed tiġġennen, sur Editur! Fuq faċċata ta' magażin iġġib stampa ta' serp? Minn tant annimali sbieħ għażilt dik il-ħaġa kerha? Mela trid tgerrex il-membri jew?"

Jien ma nafx! Intom tgerrixtu? Twerwirtu? Waqajtu fl-art mitlufin minn sensikom? Għamiltu ġimgħa tqumu bil-lejl twerżqu b'qalbkom tħabbat sitta sitta?

Veru li hawn nies li jibżgħu mis-sriep. Imma aħna ta' Klabb Ħuttaf xogħolna hu eżattament li nneħħu dal-ħafna ħmerijiet mill-imħuħ! Jekk il-povri sriep għandhom fama ħażina, mela iktar irridu nistinkaw biex nuru kemm is-sriep huma annimali sbieħ u affaxxinanti. Is-sriep huma parti mill-bizzilla varjata tan-natura.

U wara kollox, dal-biża' mis-sriep huwa kollu fil-vojt, għax is-sriep Maltin mhumiex perikolużi.

Insomma, jien lil dik li ġiet tkellimni ppruvajt nispjegalha, u naħseb fehmitni. Fl-aħħar biex niċċajta għedtilha li darb'oħra ħa nġibu ritratt sabiħ ta' wirdiena! Ħeħe kważi ħassha ħażin! :) :) :) :)

Ċaw ċaw ħbieb, u komplu gawdu l-vaganzi u l-baħar.




Victor
**Victor Falzon**
l-editur

COUNT
# 4
Daqshekk baqa' xhur biex jispiċċa għal dejjem l-insib ta' l-għasafar minn Malta.
(suppost!)
DOWN

## X'hemm mal-faċċata?



L-**Għasfur tal-Bejt** (Spanish Sparrow *Passer hispaniolensis*) jaf bih kulħadd għax komuni ħafna u faċli tarah għax mhux imgerrex min-nies. Imma billi komuni xorta huwa għasfur sabiħ. Speċjalment daż-żmien tas-sena, l-irġiel ikun bil-libsa tas-sajf u r-rix iswed u kannella jkun jispikka iktar. In-nisa u l-frieħ ikunu griż fil-kannella.

ritratt ta' Denis Cachia



Dan jgħidulu **bomblu** (bumblebee *Bombus terrestris*), naħla kbira u sufija bit-tarf ta' żaqqha abjad. Hawnhekk il-bomblu qed jixrob minn fjuri tal-lantana. Il-lantana mhix proprja pjanta Maltija, imma pjanta tal-Amerka Ċentrali. Però l-insetti Maltin xorta jiġġennu għaliha - ħeqq, għalihom dan xorb impurtat! :)




## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| L-iSkrepbuk tal-Fjuri | 5 |
| Attenti! | 6 |
| Il-Ħolm ta' Ġeremija | 6 |
| Is-Safsafa l-Kbira | 7 |
| Meta Morna... | 8 |
| Ambjentalist f'xatt il-baħar | 8 |
| It-Tajga | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Qatt innutajt? | 11 |



### Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon • Angele Pulis



### kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


### Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dal-magażin *Il-Ħuttafa* li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin iktar minn 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

© Publikazzjoni BirdLife Malta, Awwissu 2008
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop



# invażjoni ta' runduni!

Kif tafu, fir-rebbiegħa li għaddiet, l-għasafar li ġew Malta ma sabux is-soltu armata kaċċaturi lesti biex joqtluhom. Għalhekk ħafna għasafar baqgħu ħajjin u komplew itiru lejn l-Italja u nħawi oħrajn tal-Ewropa. Fost dawn kien hemm ir-**rundun**.




Imma dis-sena xi runduni ddeċidew li flok ma jkomplu l-passa tagħhom jibqgħu hawn Malta u jbejtu. U mhux par wieħed jew tnejn! U mhux f'post wieħed jew tnejn!

Das-sajf il-berdwoċers tal-BirdLife qegħdin b'seba' għajnejn biex isibu l-postijiet kollha fejn qed ibejtu r-runduni. S'issa hemm ċans tajjeb li qed ibejtu fi tliet postijiet: **Tas-Sliema**, **San Ġiljan** u l-**Mellieħa**. Dehru wkoll iktar minn darba f'post fil-Mosta u anke mal-iSptar Mater Dei...




Forsi f'Malta wkoll għad ikollna popolazzjoni sabiħa ta' runduni jbejtu. Aħna nisperaw li r-runduni li qed ibejtu f'Malta dis-sena jerġgħu jiġu s-sena d-dieħla u jiġu wkoll uliedhom, u jerġgħu jbejtu u jkomplu jinfirxu mal-pajjiż. B'hekk it-twerżiq ħelu tar-rundun isir wieħed mill-ħsejjes sbieħ sajfin hawn Malta wkoll.







## iktar fatti...



Ir-rundun ibejjet fi xquq dojoq fil-ġnub ta' bini wieqaf. Għalhekk dan l-għasfur ibejjet fl-ibliet, speċjalment fejn hemm bini għoli bħal xi torri jew kampnar ta' knisja. Ħafna bliet Ewropej għandhom mijiet ta' runduni jbejtu fil-qalba tagħhom.



Xi snin ilu l-kaċċaturi talbu lill-Gvern biex iħallihom jisparaw fuq ir-rundun, għax qalulu "Ehh! Dak tajjeb għall-ikel!" B'xorti tajba ħadd ma ta kasha dit-talba, u r-rundun baqa' protett bil-liġi. Ir-rundun huwa għasfur żgħir u kull ma jiżen xi 40g. Mur ara xi pranzu ħa tagħmel minnu eh!
Aħna n-naturalisti nippreferu naraw ir-runduni ħajjin... flok moqlijin!



Ir-rundun tant dejjem tarah itir u tant għandu saqajh żgħar li fl-antik kienu jaħsbu li lanqas biss għandu saqajn. Fil-fatt l-isem xjentifiku tiegħu huwa **apus** li tfisser proprju... bla saqajn!

## X'ħela ta' ħajja ta' ħut!

Kwart tal-ħut kollu li jinqabad fid-dinja jinqabad bi żball u jintrema lura l-baħar. Qed ngħidu xi **27 miljun tunnellata** ħut fis-sena. It-traġedja hi li ħafna minn dal-ħut imut xorta. X'ħasra hux!




## Waħx il-ħniex!

**F'Wales (UK) sabu tip ta' bugħarwien karnivoru li jattakka u jiekol il-ħniex mill-ħamrija! Din stramberija għax il-bugħeriewen is-soltu jieklu ħażiż u weraq, mhux annimali oħrajn. Ix-xjenzati jaħsbu li din speċi ġdida għax-xjenza u tawh l-isem GHOST SLUG, għax huwa abjad.**

# Inqas zokkor... iktar natura!

**L-Everglades huwa park enormi. Fih daqs Malta 20 darba u qiegħed fi Florida (USA). L-ambjent ta' dan il-post huwa taħlita ta' għadajjar u xmajjar, wesgħat kbar ta' ħaxix, foresti u mangrovji. Fl-Everglades jgħixu ħafna annimali, fosthom l-alligatur Amerikan u l-puma. Hemm ukoll ruxxmata għasafar tal-ilma bħal irsieset u agretti. Matul is-snin l-Everglades tnaqqar u ċċekken, tnixxef u tniġġes u ħafna minnu ngħata għall-biedja. Imma issa smajna li kumpanija li tipproduċi z-zokkor se żżarma minn hemmhekk u l-gvern Amerikan ħa jixtri lura l-art biex tingħaqad mal-park. Hija biċċa art ta' 75,680 ettaru (= darbtejn u nofs daqs il-Gżejjer Maltin!) Din l-aħbar tellgħet l-ambjentalisti l-ġenna bil-ferħ, għax dan ifisser li l-Everglades mhux biss ħa jikber imma ħa tkun għalqet kumpanija li kienet qed tniġġes l-ilma tal-park. Għandhom raġun jifirħu. U aħna nifirħu magħhom.**


Ritratt tal-Everglades mis-satellita



alligatur Amerikan





## X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena

### il-fjamingu

Greater Flamingo
*Phoenicopterus roseus*

Sa xi 15-il sena ilu, il-fjamingu kien diffiċli ferm li tarah f'Malta għax lanqas kien jidher kull sena. Imma ftit ftit beda jiżdied u llum sar jidher regolarment, ġieli anke fi qtajjiet kbar. Timliex rasek li sar faċli biex tarah, imma ċ-ċans illum żgur li hu ikbar minn qabel.

Biex tara fjamingu trid il-paċenzja u ftit tax-xorti. Ħafna minnhom jgħaddu minn fuq il-baħar u għalhekk bħalissa hu żmien tajjeb biex forsi tinzertah. Itiru spiss f'serbut wara xulxin, u f'dawl tajjeb taf tara l-kulur bajdani fir-roża tagħhom.

Mill-qrib m'għandekx f'hiex titfixkel biex tagħraf fjamingu. Bħall-irsieset itir b'saqajh stirati lura, imma għonqu (li hu twil ħafna) jżommu stirat 'il quddiem flok milwi lura bħall-irsieset.

Il-fjamingu rari jieqaf jistrieħ f'pajjiżna. L-uniku post adattat għalih fejn jista' jistrieħ u jsib x'jiekol hu r-riserva ta' l-Għadira, fejn minn wieħed sa tnejn ġieli qattgħu xi jiem hemm.




L-istampa meħuda mill-ktieb *Għasafar Madwarna*. Dal-ktieb qiegħed għall-bejgħ €4.60.

# L-iSkrepbuk tal-Fjuri

kitba ta' **Jeffrey Sciberras**

## xebb

bl-Ingliż
**Maltese Salt Tree**
isem xjentifiku
***Darniella melitensis***


Arnold Sciberras

- Arbuxxell imdaqqas [1]perennju li jikber sa xi 2.5m għoli. Probabbli huwa l-ikbar arbuxxell [2]endemiku fil-Gżejjer Maltin
- Il-weraq huma żgħar, ħodor ċari, [3]sukkulenti u qishom swaba'.
- Il-fjuri huma żgħar u jiftħu fis- sajf.
- Fil-ħarifa toħroġ żerriegħa waħda minn kull fjura li tkun saret frotta żgħira. Iż-żerriegħa għandha qishom ġwienaħ biex tkun tista' tinfirex minn post għal ieħor.
- Komuni fl-irdum tal-Punent u n-Nofsinhar t'Għawdex u fuq l-għolja taċ-Ċittadella. F'Malta hija iktar skarsa imma mifruxa f'kull irdum. Frekwenti fl-irdum ta' Kemmuna, Kemmunett, Filfla u l-Ġebla tal-Ġeneral.

[1]**perennju** - pjanta li ma tmutx wara staġun wieħed imma tibqa' ħajja għal diversi snin, per eżempju bħas-siġar.
[2]**endemiku** - speċi li ssibha tgħix biss f'post wieħed - ix-xebb huwa endemiku għax jikber biss f'Malta.
[3]**sukkulent** - pjanta li tkun taħżen l-ilma f'partijiet minnha, is-soltu fil-weraq jew fiz-zokk.

# attenti!

l-iskart li narmu bl-addoċċ mhux biss iħammeġ u jkerraħ...

...joqtol ukoll!






**Meta narmu borża u skart ieħor tal-plastik fuq ix-xatt, dan jista' jtir u jmur fil-baħar. Fil-baħar jgħixu l-fkieren, li m'għandhomx vista tajba. Jekk fekruna tara borża tista' taħsibha brama u tikolha... u TMUT! Tridu jiġri hekk? Le, hux? Mela araw fejn u kif tarmu l-iskart!**






## Il-ħolm ta' Ġeremija l-Ġurat



Qed noħlom li kull raħal f'Malta jsib biċċa art viċin tiegħu u jibdilha f'park. Imma mhux park b'ħafna imbarazz ta' arbli u ċangaturi u siment u żrar u konok u ġebel u tabelli u lampi u funtani u hadid u ċnut u gradi u plakek u gażibi u latrini u rixtelli u konkos u tarmak u monumenti u statwi... Le, xejn XEJN minn dan! Jien qed noħlom b'park kollu siġar sbieħ Maltin, siġar li jagħmlu d-dell li tant għandna bżonnu fis-sajf. U mogħdija dejqa li tgħaddi minnu, forsi b'xi ftit bankijiet sempliċi tal-injam. U daqshekk! Post għall-kwiet fejn intom il-bnedmin tkunu tistgħu tmorru kuljum bil-mixi biex isserrħu ftit għajnejkom mid-dinja ppakkjata bini li tgħixu fiha. Immaġinaw post bħal dan ħdejn kull raħal. Ħmmmm, possibli tgħid? Ma tridx ħafna ħsieb u ma jiswiex ħafna flus. Kull ma tridu hu li titgħallmu tagħtu post lin-natura fil-ħajja tagħkom. Għax lanqas tafu kemm għandkom bżonnha!







## is-Safsafa l-Kbira

**WHITE WILLOW** ***Salix alba***

Is-Safsafa l-Kbira hija siġra Maltija, imma hija wkoll rarissma.

Is-safsaf jgħix f'postijiet fejn hemm l-ilma, bħal xtut ta' xmajjar, għadajjar u bwar tal-ilma helu. Eluf ta' snin ilu l-klima Mediterranja kellha aktar xita u s-safsaf kien iktar mifrux f'pajjiżna. Imma maż-żmien il-klima nixfet u f'Malta naqas l-ilma ġieri. Illum fil-Gżejjer Maltin xmajjar u għadajjar ma għandniex u ftit issib postijiet bl-ilma helu s-sena kollha. Anke xi nixxigħat żgħar li baqa', ħafna drabi dawruhom il-bdiewa biex jieħdu l-ilma għat-tisqija. B'hekk il-ftit imkejjen fejn is-safsafa setgħet tgħix, illum saru raba'. Fil-fatt f'pajjiżna dis-siġra waslet f'xifer il-qerda.



Safsafa xiħa ħafna

Is-Safsafa l-Kbira tista' tikber siġra ġmielha. Il-weraq tagħha huwa dejjaq u tawwali (5-10ċm), forma ta' lanza bit-truf serrieq u b'[1]magħseb qasir. Il-weraq huma ħodor skuri minn fuq u minn taħt ċari u miksijin pil abjad. Il-friegħi żgħażagħ għandhom qoxra ħamra skura. Il-weraq [2]joħrof fix-xitwa, flimkien ma' ħafna friegħi irqaq. Minn nofs ix-xitwa jifthu l-[3]katkni, u mis-siġar irġiel itir it-trab tad-dakra.

Il-ħasra hi li dat-trab hawn Malta jinfirex għalxejn għax fjuri nisa x'idakkar mhux se jsib! Dan għaliex is-siġar nisa tas-Safsafa l-Kbira kollha nqerdu minn Malta.

U tafu kemm baqa' safsaf irġiel fis-selvaġġ? WAĦDA BISS! Qiegħda f'post jismu Ġnien il-Kbir, ħdejn il-Buskett. Għall-inqas l-aħħar li mort xi 10 snin ilu kienet għadha hemm. Illum ma nafx...

Biex nippruvaw insalvaw din l-ispeċi milli tintilef għal kollox minn pajjiżna, ħadna biċċiet mis-safsafa ta' Ġnien il-Kbir biex bihom thawwel safsaf ieħor f'postijiet bħal Wied Fiddien u r-riserva tas-Simar. Thawlu wkoll oħrajn ġodda propju minn bidwi fi Ġnien il-Kbir stess, wara li spjegajtlu l-importanza tagħha. Minkejja dan għadna bla siġar nisa u għalhekk żerriegħa għad m'għandniex.

Minħabba l-klima dejjem tisħon u tinxef, is-Safsafa l-Kbira f'Malta dejjem se tibqa' f'xifer l-estinzjoni.

il-masġâr **Charles F. Grech**



Is-safsaf jikber f'postijiet umdi.



Iz-zokk tas-safsafa jkun imfellel ħafna.



Il-katkni jkunu għenieqed ta' fjuri.



**Is-safsaf jissemma' ħafna fil-ħrejjef u fil-leġġendi għax iz-zkuk tagħhom kienu jużawh is-sħaħar għal ħafna affarijiet, per eżempju biex jagħmlu l-ixkupi li jtiru fuqhom! Fil-ktieb (u fil-film) *Lord of the Rings* hemm safsafa xiħa li taqbad lill-hobbits u tkun se tiblagħhom!**

[1]**magħseb** - zokk irqiq li jgħaqqad il-werqa mal-fergħa tal-pjanta.
[2]**joħrof** - meta s-siġra twaqqa' l-weraq; jew meta l-għasafar ibiddlu r-rix; jew meta l-mammiferi jwaqqgħu s-suf.
[3]**katkni** - għenieqed ta' fjuri żgħar li jikbru minn xi siġar, u li spiss jiddendlu 'l isfel; bl-Ingliż jgħidulhom *catkins*.


Denis Cachia

Meta morna...

# Ċafċifa maċ-Ċief

tirrapporta **Jacqueline Licari**

Nhar is-Sibt 26 Lulju 2008 saret l-attività tant mistennija minn ħafna membri ta' Klabb Ħuttaf. Din kienet dawra bil-lanċa miċ-Ċirkewwa sa l-irdumijiet ta' Ta' Ċenċ. Bdejna ninġabru għal xi l-5.30pm u f'xi s-6pm ż-żewġ laneċ mimlijin bil-membri u l-familjari bdew il-vjaġġ tagħhom.

Il-baħar ma tantx kien kalm minħabba li kien daqsxejn riħ imma dan ma tellifx l-entużjażmu tagħna milli nkomplu naraw bit-trombi nilmħux xi ċiefa. Għal xi s-6.45pm dehret l-ewwel ċiefa tittajjar fuq il-baħar. Sakemm beda jbexbex, il-lanċa li kont fuqha resqet lejn il-Forti Chambray. Rajna xenarju tassew sabiħ tal-kosta Għawdxija imma x-xenarju kompla jisbieħ meta bdew jinġabru rafts ta' ċief fil-baħar. Ma rajniex rafts kbar daqs tas-sena l-oħra però wħud miċ-ċief kienu mansi u bdew itiru viċin tagħna. Kull min kellu kamera ntefa' jiġbed ritratt wara l-ieħor u josserva dawn l-għasafar tant sbieħ bit-tromba. Ma konniex tant iffurtunati li nilmħu denfil imma xorta kienet attività suċċess. Il-ħin malajr tar u wara xi tliet sigħat sibna ruħna lura ċ-Ċirkewwa.

Kienet tassew attività tal-ġenn u nispera li sena oħra terġa' ssir u niltaqgħu ma' aktar membri ġodda.





Chris Cachia Zammit

**Din iċ-ċiefa qed turina għaliex bl-Ingliż jgħidulha *shearwater* - għax ittir kważi tħokk ma' l-ilma.**

Kif iġib ruħu

## Ambjentalist f'xatt il-baħar



**Jekk issib bebbux tal-baħar, tiħdux miegħek.** Ħafna granċijiet żgħar jgħixu fil-qxur vojta tal-bebbux.



**Jekk hemm żnażan iduru, tfixkilhomx.** Dawk mhux biex iniggżuk ġew imma għax sabu xi karti tal-ġelati, u t-togħma togħġobhom!



**Jekk tara pjanti jikbru fir-ramel, tagħmlilhomx ħsara.** Ħafna pjanti tax-xtut ramlin, bħal Pankrazju u Xewk ir-Ramel, saru rari u rridu nibżgħu għalihom.



**Tikolx rizzi, tikolx imħar.** X'vizzju ikrah li għax xi ħaġa forsi tittiekel irridu bilfors inżarmaw xatt, qisna qed immutu bil-ġuħ!



**Tidfinx skart fir-ramel.** Ir-ramel huwa ambjent naturali li fih tgħix flora u fawna tar-ramel.



**Tħallix skart warajk. Jekk m'hemmx landa taż-żibel (jew sibtha imburġata) ħu l-iskart miegħek.** Jekk l-iskart itir u jmur fil-baħar, jista' joqtol il-fawna tal-baħar. Skart fix-xatt iħammeġ u jġib il-ġrieden u l-wirdien.



**Wara l-baħar ħu doċċa mhux banju.** Doċċa taħli ħafna inqas ilma minn bajnu.





**F'dil-ħarġa se nitkellmu fuq it-tajga. Il-kelma ġejja mir-Russu, u dan jagħtina l-ewwel hjiel ta' fejn issib dan l-ambjent. Imma t-tajga ma ssibhiex biss fir-Russja, anzi hija waħda mill-ambjenti li l-iktar għandhom firxa wiesgħa.**

Elisabeth Conrad

# it-tajga

## Kif inhu t-temp?

Iż-żoni fejn issib it-tajga huma postijiet fejn is-sajf ikun sħun bix-xita, u fejn fix-xitwa jagħmel bard kbir. Għal sitt xhur fis-sena t-temperatura tinżel sa -60ºC, bi ftit xita, għalkemm tagħmel il-borra wkoll. Minħabba l-mod kif id-dinja xxaqleb lejn ix-xemx, l-iljieli xitwin ikunu twal ħafna, sa 20 siegħa dlam. Kif jasal is-sajf però, id-dinja tat-tajga tinbidel. Jinħall is-silġ, tagħmel ix-xita u jitwalu l-ġranet, anke sa 20 siegħa dawl. Tibda titfaċċa l-ħajja, speċjalment insetti u għasafar li jiġu mill-passa. Fis-sajf it-temperatura tista' titla' anke sa 40ºC. Il-ħajja f'dan l-ambjent trid tkun kapaċi tadatta għal dawn il-varjazzjonijiet kbar, minn bard kiefer fix-xitwa sa sħana qalila fis-sajf.

## Kif inhu l-ambjent?

Allura t-tajga x'ambjent fiha? It-tajga hija tip ta' foresta li fiha jikbru siġar li ngħidulhom koniferi. Il-koniferi ma jagħmlux fjuri imma minflok jipproduċu l-prinjoli (bl-Ingliż *cones*), biż-żerriegħa fihom. Ħafna koniferi huma wkoll [1]dejjem-ħadrana. Il-koniferi huma adattati sew għal dan l-ambjent. Il-weraq ikunu dojoq biex ma tantx jevapora ilma minnhom - mhux billi tagħmel ix-xita, għax fit-tajga l-art u l-ilma li jkun hemm fiha jkunu ffriżati għal ħafna xhur. Il-weraq tal-koniferi jipproteġu wkoll kontra l-irjieħ kesħin, u huma ħodor skuri biex is-siġra tassorbi kemm tista' sħana mix-xemx.

It-tajga m'għandhiex diversità kbira ta' flora għax l-ambjent t'hawnhekk mhux faċli għall-pjanti. F'xi nħawi s-silġ qatt ma jinħall għal kollox, u jkun hemm dak li ngħidulu permafrost. Il-weraq li jwaqqgħu s-siġar huma aċidużi, u għalhekk il-ħamrija hija wkoll aċiduża. Ftit pjanti jifilħu għal din it-tip ta' ħamrija. U rridu nqisu wkoll il-varjazzjoni kbira fit-temperaturi li l-pjanti jridu jissaportu.

Minħabba dawn l-affarijiet, ftit huma l-ispeċi ta' siġar u pjanti li jkampaw f'dan l-ambjent, imma dawk li jkampaw jikbru fi kwantitajiet li diffiċli timmaġinahom! Għalhekk l-ambjent tat-tajga huwa tassew uniku fid-dinja.

Fil-ħarġa li jmiss, nagħtu ħarsa iktar fil-qrib lejn il-pjanti u l-annimali li jgħixu fit-tajga.

## Fejn hi t-tajga tad-dinja?




1 Alaska (USA)
2 Kanada
3 Skandinavja (Ewropa)
4 Siberja (Russja)

Kif taraw mil-mappa, it-tajga mhix imqassma bl-addoċċ, imma tifforma faxx kontinwu fit-tramuntana tad-dinja.







[1]**dejjem-ħadrana** - siġar li jkunu bil-weraq is-sena kollha. Bl-Ingliż ngħidu *evergreen*.

# nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

Ibdel in-numri f'ittri u ssib l-ismijiet ta' ħafna annimali u pjanti li jgħixu fil-baħar madwarna. Jekk għandek il-ktieb *Flora u Fawna ta' Malta* jew *Wildlife of the Maltese Islands* jgħinek ħafna. Waħda minnhom għamilnihielkom...




| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

F'din it-taħbila l-ittri **ie** u **għ** jidhru bħala żewġ ittri kull waħda, b'numri differenti.

# gallerija



**ċirlewwa tal-baħar**
danica m. borg
10



**għasfur ta' san martin**
rebecca grima
12



**avultun prim**
matthew sciclun a
14



**denfil**
jeremy borg
9



**Xena tal-Ġebla tal-Ġeneral + tliet pjanti (sempreviva ta' Għawdex, żigland ta' Għawdex, ġiżi ta' Malta) u erba' friefet (farfett tar-reġina, farfett tas-silla, farfett tal-garġir, farfett tax-xewk).** jeffrey sciberras



**ngħama**
gabrielle cachia 9



**bies**
omar agius 10



**sturnell**
stephanie saré 13



# Qatt innutajt?




Desirée Falzon

**Qatt innutajt, f'daż-żmien tas-sajf, xi zokk niexef ħiereġ mill-art, bit-tarf tiegħu miksi bebbux?**

**Tgħid għaliex jagħmel hekk il-bebbux?**

**Qed ifittex veduta tajba ħa jara fejn qegħdin il-pjanti?**

**U le, x'jambiha veduta! Fil-fatt hemm raġuni interessanti għal din l-istramberija.**

**L-ewwelnett ftakar li bebbuxu għandu ġisem niedi u jekk jinxef, imut. Bħalissa fis-sajf kulħadd ikun mifluġ bis-sħana u mixwi bix-xemx. Allura bebbuxu kif ma jinxifx?**

**Ħafifa! Għax għandu difiża tajba kontra n-nixfa. Meta tkun ġejja s-sħana bebbuxu jkabbar "għatu" qisu plastik irqiq kważi trasparenti li bih jagħlaq il-fetħa fil-qoxra, dik li s-soltu joħroġ minnha. Dan l-għatu jservi wkoll biex iwaħħal il-bebbuxu mal-post fejn jiddeċiedi li jqatta' s-sajf. Peress li l-ilma ma jgħaddix minn dan l-għatu, il-bebbuxu jibqa' niedi.**

**Imma dan mhux biżżejjed! Is-sajf tagħna tant jaħraq, li kieku bebbuxu joqgħod fuq il-ħamrija, xorta jinxtewa bis-sħana, anke jekk ikun magħluq. Allura l-bebbuxu juża trikk ieħor! Jitla' ma' xi ħaġa għolja u b'hekk jiffranka l-qilla tikwi tal-ħamrija u l-blat. Għall-inqas hemm fuq kultant tgħaddi żiffa.**

**U x'hemm isbaħ minn zokk jew arblu għall-villeġġatura? :)**

Desirée Falzon




merlin library
the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlinlibrary
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575

T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135


Tridu websajt tal-ġenn fuq il-pjanti Maltin? Morru fil-websajt tal-ħabib tagħna Stephen Mifsud...

www.maltawildplants.com

# Sigurtà u Konvenjenza




## BOV Internet Banking...
aċċess faċli għall-finanzi tiegħek



- **Ħallas** il-kontijiet
- **Ara** l-bilanċi
- **Ara** l-kopji taċ-ċekkijiet imsarrfa
- **Ittrasferrixxi** fondi

... u ħafna aktar!

www.bov.com

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*